**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Settembru 2020**

**Talba Nru: 242/19 CZ**

**GO p.l.c. (C 22334)**
**vs.**

**Alexander Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-3 ta' Settembru 2019 li fiha premettiet:

Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett'elef tmin mija u tlieta u sebghin Euro u ghaxar centezmi (€3,873.10) in kwantu ghal elfejn tmin mija u sitta u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€2,896.45) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40793180 u disa' mija u sitta u sebghin Euro u hamsa u sittin centezmu (€976.65) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40102714.

Illi interpellat sabiex jghaddi ghall-hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali.

It-Tribunal ra wkoll ir-risposta tal-konvenut prezentata fit-22 t'Ottubru 2019 li permezz taghha eccepixxa:

Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija intempestiva stante li l-intimat qatt ma gie interpellat sabiex ihallas l-ammont pretiz;

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Illi permezz ta' nota tat-2 ta' Dicembru 2019 is-socjeta' attrici naqqset l-ammont li qed titlob ghal dak ta' elfejn tmin mija u sitta u disghin Euro u ghaxar centezmi (€2,896.10) wara li l-konvenut ghamel hlas akkont u rritorna xi apparat.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' Mary Anne Camilleri, il-konvenut, Sylvana Rapa, il-kontro-ezami tal-konvenut, u Stephanie Chircop.

Ra d-dokumenti prezentati mill-partjiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ghal zewg servizzi differenti li kellhom numru ta' kont kull wiehed, u cioe' ghal servizz ta' mobile kif ukoll ghal servizz ta' *home pack* (linja fissa, internet, u television).

Illi kwantu ghall-ewwel eccezjoni tal-konvenut, rigwardanti l-intempestivita' tal-azzjoni minhabba n-nuqqas tas-socjeta' attrici li titlob il-hlas qabel ma saret il-kawza, it-Tribunal innota illi kienu ntbaghtu diversi kontijiet lill-konvenut, fl-indirizz tal-Imtarfa li huwa kien indika fuq il-kuntratt li ghamel mas-socjeta' attrici fl-10 ta' Frar 2018 (fol. 11). Il-konvenut qal ukoll li kien jaf b'dan l-ammont pendenti, izda s-socjeta' attrici qatt ma tawh informazzjoni dwar ghaliex huwa dovut. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi kwantu ghall-mertu, jirrizulta illi l-hlas ghas-servizz tal-*home pack* sar matul il-kawza, biex b'hekk il-kontestazzjoni baqghet fuq is-servizz tal-mobile u s-servizzi affini li sar ftehim dwarhom fil-kuntratt tal-10 ta' Frar 2018 bejn il-partijiet.

Illi Mary Anne Camilleri, rapprezentant tas-socjeta' attrici qalet li l-kont tal-internet fuq il-mobile jirraprezenta uzu ta' internet lokalment.

Illi l-konvenut isostni li s-socjeta' attrici baqghet ma tatux spjegazzoni ghalfejn il-kont tal-mobile tela' ghall-ammont indikat fil-kawza. Qal ukoll illi s-socjeta' attrici kienet allegat li huwa kien uza l-mobile u l-internet waqt is-safar, minkejja li huwa qatt ma siefer. Qal ukoll illi ma jafx jekk irceviex messaggi li kienu qed jindikawlu li nqabez il-limitu tal-uzu tal-internet fuq il-mobile.

Illi mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-konvenut ircieva diversi messaggi minghand is-socjeta' attrici f'Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2018 li kienu qed jindikawlu li kellu arretrati fuq il-kont tal-mobile[1].

Illi Sylvana Rapa xehdet illi hija kienet marret sabiex tapplika ghal servizz ta' *home pack* fid-dar taz-Zejtun izda s-socjeta' attrici indikatilha li kien hemm kont pendenti. Qalulha wkoll li l-mobile kien intuza Catania, izda hija kienet ilha ma ssiefer ghoxrin sena u l-konvenut ma siefer qatt. Rigward il-*home pack*, irrikonoxxiet li kien hemm xi arretrati li riedu jithallsu u dan ghaliex it-tifla taghha, li kienet tghix ghal rasha l-Imtarfa, ma kinitx qed thallas dawn il-kontijiet, li kienu ghadhom intestati fuq il-konvenut. Fil-frattemp, dawn thallsu.

Illi rrizulta illi meta l-konvenut ghamel il-kuntratt tal-mobile, kellu limitu ta' uzu ta' internet ta' 1.5 Gigabyte fix-xahar, li maz-zmien telghu ghal 2 Gigabyte. Wara li jinqabez dak il-limitu, kellha tithallas rata ohra ghall-uzu tal-internet.

Illi x-xhud Stephanie Chircop, mis-socjeta' attrici, prezentat rendikont tal-uzu tal-internet fuq il-mobile in kwestjoni li juri li l-ammont mitlub intuza matul ix-xahar ta' Gunju 2018, u partikolarment il-konsum li gie registrat mill-jum tal-4 ta' Gunju 2018 sat-30 ta' Gunju 2018. Jirrizulta illi sal-4 ta' Gunju 2018 kien ghadu ma nqabizx il-limitu ta' uzu tal-internet koncess fil-ftehim ta' bejn il-partijiet, izda wara l-4 ta' Gunju is-socjeta' attrici bdiet izzomm ammont ghal kull gurnata ta' uzu, li

[1] Fol. 87 sa fol. 91

jiddependi fuq il-konsum li jkun sar. It-Tribunal innota li kien hemm xi granet fejn l-uzu kien ferm oghla mis-soltu, fosthom per ezempju fit-18, 21, 22, 23, 26, u 29 ta' Gunju 2018. Fid-29 ta' Gunju biss, per ezempju, intuza bi tliet mija u tlieta u erbghin Euro (€343) uzu ta' internet f'gurnata wahda. Min-naha l-ohra, il-konvenut ma cahadx illi l-mobile in kwestjoni, abbinat ma' dan il-kuntratt, kien ghandu f'dan iz-zmien, u minkejja li Sylvana Rapa tixhed illi tal-GO kienu qed jghidulhom illi l-linja fissa tal-Imtarfa ma kinitx ghadha ssejjah lill-konvenut, dan ma ghandu x'jaqsam xejn mal-linja tal-mobile, ghaliex din kienet linja separata u distinta u li baqghet invarjabbilment intitolata fuq il-konvenut. Il-konvenut qal li kien juza l-internet ghal 'xi siegha' u xejn aktar. Rapa tat l-impressjoni li l-konvenut ikun imhabbat bix-xoghol tal-kostruzzjoni, u wara, bir-raba u l-bhejjem; izda jirrizulta lit-Tribunal li baqghet ma nghatat l-ebda gustifikazzjoni, da parti tal-konvenut, ghaliex ma ghandux ihallas l-ammont in kwistjoni. Ma rrizulta bl-ebda mod li hemm xi zball min-naha tas-socjeta' attrici, u r-rendikont prezentat lejn l-ahhar tal-kawza mix-xhud Stephanie Chircop huwa car, u ma gie bl-ebda mod kontraddett mill-konvenut.

Illi jirrizulta ghalhekk illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma sodisfacentement pruvati. Irrizulta inoltre illi s-socjeta' attrici pruvat tiftah ghajnejn il-konvenut dwar l-arretrati pendenti, minkejja li l-konvenut qal li ma kienx jaf jekk irceviex messaggi dwar dan. Fil-fatt kien hemm erba' xhur shah fl-2018 li fihom is-socjeta' attrici kienet qed tibghat il-messaggi dwar l-arretrati, kemm matul Gunju 2018 (iz-zmien li fih sar il-konsum) kif ukoll fit-tliet xhur ta' wara. Ghalhekk, ghat-Tribunal il-konvenut mhuwiex kredibbli meta jghid li ma jafx jekk irceviex messaggi, partikolarment meta huwa stess xehed li kien 'juza l-internet ghal xi siegha', biex b'hekk jindika li ghall-uzu tal-internet kien jaf jaqra u jifhem.

Illi kwantu ghall-imghax fuq is-somma mitluba, dan ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-fattura bl-ammont shih li baghtet is-socjeta' attrici, u cioe' t-2 ta' Novembru 2018, kif tinsab a fol. 81 tal-process.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tmin mija u sitta u disghin Euro u ghaxar centezmi (€2,896.10), bl-imghax mit-2 ta' Novembru 2018 sal-hlas effettiv. L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur